# Kuntatt

## mal-iskola ta' wliedkom

JANNAR - APRIL 2017

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA



Ftit tal-ġimgħat oħra l-istudenti tat-Tmien sena ser ikollhom quddiemhom għażla ta' suġġetti li jixtiequ jistudjaw fis-snin li ġejjin. Għażla tajba taf twassal għal karriera partikolari.

Minbarra s-suġġetti tradizzjonali li mdorrijin bihom, dawn l-aħħar snin ġew introdotti suġġetti oħra ta' natura vokazzjonali – suġġetti li jappellaw l-aktar għal dawk l-istudenti aktar inklinati għal xogħol tekniku u manwali. L-iskola tagħna toffri suġġetti ta' dan it-tip fl-oqsma tal-IT, Inġinerija, Ospitalità u fis-saħħa u l-kura soċjali.

Is-suġġetti fit-taħriġ vokazzjonali jwasslu wkoll għal kredenzjali tas-SEC filwaqt li r-rata ta' suċċess li kellhom l-istudenti tagħna f'dawn l-oqsma kienet waħda formidabbli. Ta' min jgħid li 'l fuq minn 85% tal-istudenti li għażlu din ir-rotta mhux talli għaddew talli ġabu gradi għoljin ferm. Dan jimliena bil-kuraġġ u jispirana sabiex inkomplu naħdmu f'dan ir-rigward.

Bi pjaċir inħabbar li l-iskola, wara ħafna diskussjonijiet, irnexxielha tilħaq ftehim mal-MCAST sabiex apparti l-kredenzjali tas-SEC, l-iskola toffri programm li permezz tiegħu, l-istudenti li se jagħżlu r-rotta vokazzjonali fl-inġinerija jew l-IT, jkollhom ċans jestendu t-tagħlim tagħhom għal diploma f'livell 3 tal-MCAST. Din id-diploma bħalissa tingħata lil min ilesti b'suċċess l-ewwel sena tal-MCAST. B'dan il-programm l-istudenti tagħna se jkunu...

*...kompli fuq paġna 3*



**Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja, Ħal Kirkop**

*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*

☎ 21642427, 21642430

✉ sbc.kirkop.ss@ilearn.edu.mt

💻 http://www.kulleggsanbenedittubs.com

# EDITORJAL



**L-Eżamijiet ta' Nofs is-Sena**

Ħafna mill-istudenti jinħasdu hekk kif jiftakru li resqin l-eżamijiet ta' nofs is-sena u forsi jaraw x'jivvintaw ħalli jaljenaw rashom. Oħrajn jieħdu gost bl-eżamijiet għax permezz tagħhom ikunu jafu fejn qegħdin, f'liema oqsma sejrin tajjeb u fejn għandhom jaħdmu aktar. L-iskop ta' dan l-artiklu huwa li nagħtikom xi ideat ħalli meta jaslu l-eżamijiet tkunu ppreparati.

Qabelxejn importanti li ma tħallux għall-aħħar biex tistudjaw! Importanti li tibdew kmieni u tqassmu l-ħin tajjeb biex tagħtu importanza s-suġġetti kollha. L-istudju huwa bħal xitla; aħjar jekk issaqqiha regolarment milli darba f'mitt qamar.

Id-dixxiplina u d-dedikazzjoni huma s-sisien. Għalxejn tagħmlu pjan ta' studju u mbagħad tinjorawh. Barra minn hekk, il-qari u l-istudju mhumiex l-istess ħaġa. Huwa importanti li tifhmu dak li tistudjaw u taħdmu xi xogħlijiet marbutin mat-taqsimiet li tkunu studjajtu. Ftakru li l-mistoqsija oħt il-għerf! Jekk intom u tistudjaw ma tifhmux xi ħaġa, ħudu nota tad-diffikultà li jkollkom u staqsuha lill-għalliema mill-aktar fis possibbli.

Uħud isostnu li jistudjaw bla ma jieqfu biex jistrieħu. Bla dubju ta' xejn dan mhuwiex l-aħjar mod ta' studju u hemm probabilità kbira li minħabba f'hekk, l-istress ikompli jogħla. Jekk tieqfu ftit u tmorru mixja tkunu qegħdin tagħmlu żewġ affarijiet tajbin fl-istess ħin, isserrħu moħħkom u tieħdu ħsieb saħħitkom. Importanti wkoll li tieklu bil-qies. Jekk tiddeċiedu li tieklu dak kollu li jfettlilkom sforz l-inkwiet tal-eżamijiet, tkunu qed tagħmlu ħażin ħafna.

Minkejja li fil-maġġoranza tal-każi l-istudenti jistudjaw għal rashom, issib lil min jippreferi jistudja fi grupp. L-istudji juru li t-tnejn li huma fihom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom. L-importanti li tkunu responsabbli biżżejjed biex tiffokaw biss fuq l-istudju u mhux fuq ħwejjeġ oħra. Jekk intom u tistudjaw ikun moħħkom fil-mowbajl jew fl-internet tkunu qegħdin tidħku bikom infuskom. Kollox għandu jkun f'ħinu u f'waqtu!

Ħaġa oħra li tgħinkom fl-istudju hija li taħdmu l-karti tal-eżamijiet tas-snin l-imgħoddija. Dawn jistgħu jitniżżlu faċilment mis-sit elettroniku tal-iskola, www.kulleggsanbenedittubs.com. F'każ ta' diffikultà biex tniżżluhom kellmu lill-għalliema tal-ICT.

Nagħlaq billi nħeġġiġkom tkunu pożittivi u ma tibżgħux mill-eżamijiet. Jekk tħejju rwieħkom niżgurakom li tmorru tajjeb. Nawguralkom minn qalbi!

*Is-Sur R. Caruana*
Għalliem tal-Malti

*...ikompli minn paġna 1*

...f'pożizzjoni li jakkwistawha mat-tmiem taċ-ċiklu sekondarju. Dan ifisser li issa l-istudenti li jagħżlu din ir-rotta se jkunu qed javvanzaw sena u meta jekk Alla jrid jidħlu l-MCAST jidħlu mill-ewwel għad-diploma avvanzata f'livell 4.

Billi l-kontenut ta' dan il-programm qed jitfassal mill-bidu bejn l-għalliema tagħna u l-letturi tal-MCAST, dehrilna li jkun jagħmel sens jekk l-industrija tkun sieħeb strateġiku magħna f'dan ir-rigward. Għaldaqstant avviċinajna diversi kumpaniji kbar fl-oqsma tal-inġinerija u l-IT sabiex jgħinuna f'dan ir-rigward. B'kollox, 15-il kumpanija laqgħet l-istedina tagħna sabiex jissieħbu magħna. L-industrija se tiggwidana f'dawk il-ħiliet u kompetenzi li hija tara nieqsa bħalissa waqt ir-reklutaġġ tal-ħaddiema sabiex inkunu nistgħu ninkluduhom fil-programm tagħna filwaqt li se tagħti ċans lill-għalliema u l-istudenti tagħna jżuru l-post tax-xogħol tagħhom sabiex l-istudenti jkollhom stampa aktar ċara tar-realtà fuq il-post tax-xogħol.

Dan il-ftehim bejn l-iskola u l-MCAST se jkun issiġillat nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar. Dan il-ftehim mhux biss huwa interessanti iżda wkoll eċċitanti. Huwa interessanti għax qed jindirizza niċċa ta' studenti partikolari u opportunitajiet li s'issa għadhom qatt ma ġew esplorati. Huwa eċċitanti għax dan il-proġett, kuntrarju għal kif soltu jiġri, ma ġiex impost fuq l-iskola iżda kienet l-iskola li ħarġet bl-idea u żviluppata.

Bla dubju nħoss li dan il-proġett mhux biss se jirnexxi iżda se jkun suċċess tant li skejjel oħra eventwalment jaddottaw il-mudell tagħna għall-implimentazzjoni.

*Is-Sur M. Bondin*
Kap tal-iskola

## Jum il-Ġenituri

**Il-Ħamis, 30 ta' Marzu 2017**
**mit-8:00 sas-14:20**

**TINSEWX**



# ESPERJENZI MIT-TIM TAL-PANTOMIMA

Kull bidu fih it-tmiem. Sfortunatament din kienet l-aħħar produzzjoni fejn jien stajt nagħti s-sehem tiegħi biex bil-kontribut ta' kulħadd, tittella' produzzjoni tassew sabiħa u professjonali denja tal-kulleġġ tagħna. Ilni minn mindu kont fit-tieni sena sekondarja nagħmel parti mill-grupp tekniku. Rajt il-produzzjonijiet tagħna jikbru, jisbieħu u jsiru dejjem aktar professjonali. Kull sena rajt is-sala tagħna tikser rekord wara ieħor t'udjenza. Fil-ġranet ta' preparazzjoni nista' ngħid illi nqatta' aktar ħin l-iskola milli nqatta' d-dar u ma jiddispjaċini xejn għax tassew nieħu pjaċir naħdem għal dan il-għan. Tgħallimt ħafna, mhux biss fejn tidħol teknika tas-sound u dawl imma fuq kollox tgħallimt x'jiġifieri tikkommetti ruħek, taħdem ġo tim u tagħti l-mija fil-mija tiegħek għal skop ewlieni. Fuq kollox tgħallimt kif tisma' u tirrispetta l-opinjonijiet u s-suġġerimenti ta' ħaddieħor. Dan kollu tgħallimtu mingħand l-għalliema li dejjem lesti jagħtuna opportunita' biex inkabbru t-talenti tagħna. Ma nistax ngħid li ma kienx ikun hemm mumenti diffiċli imma s-sodisfazzjon li nara sala mimlija nies tieħu gost hu aqwa minn kollox. Din is-sena ma kinitx eċċezzjoni. Ħdimna ħafna kollha kemm aħna biex tellajna l-Gzira tat-Teżor, il-*core* grupp, sħabi tat-tim tekniku, l-*backstage* u l-atturi. Qbiżna kull limitu b'għaxar rappreżentazzjonijiet. Nagħlaq billi l-ewwel u qabel kollox nirringrazzja l-*core* grupp tal-pantomima tal-opportunitajiet li tawni tul dawn il-ħames snin li żgur se jħallu marka qawwija f'ħajti li l-ebda żmien mhu se jħassar. Nixtieq ukoll nissuġġerixxi lill-istudenti bħali biex jissieħbu ma' dan it-tim u jaħdmu biex bħali jibnu esperjenza għal ħajjithom.



*Nathan Bonnici - 5.1 (Kru Tekniku)*

Personalment, il-pantomina għenitni ħafna fil-kunfidenza tiegħi. Ma bqajtx nistħi nirreċta u niżfen quddiem in-nies. Kienet esperjenza sabiħa ħafna l-aktar meta tara familja.

*Julie May Zammit - 9.4 (Wednesday)*





S'issa, f'dawn is-sentejn li ili f'din l-iskola, kelli ċ-ċans li nieħu sehem fi produzzjonijiet differenti. Dejjem ħadt pjaċir u interess f'kull produzzjoni li tellajna bħala tim wieħed. Iżda l-iktar darba li ħadt pjaċir ninterpreta l-parti tiegħi kienet fil-*Gżira tat-Teżor* meta prattikajt l-iktar ħaġa li nħobb, iż-żfin. Li tara nies jieħdu pjaċir huwa ta' sodisfazzjon kbir!

*Larken Abela - 9.1 (Żeffien)*



Dħalt fil-kru tekniku fl-2015 fil-pantomima Robin Hood u ġejt milqugħ min-nies tal-ġenn. Studenti jiddedikaw ruħhom għal dan ix-xogħol u jikkoperaw ħafna. Tgħallimt ħafna affarijiet minn din l-esperjenza ferm sabiħa. Trid tagħmel ċerti sagrifiċċji, imma finalment ix-xogħol li nkunu ħadna jpatti bit-tajjeb waqt il-pantomimi.



*Daniel Cachia - 9.1 (Kru Tekniku)*



Jiena ilni nieħu sehem fil-panto tal-iskola għal dawn l-aħħar tliet snin. Din is-sena għamilt il-parti tal-Kaptan Flint; deċedut li ħeba t-teżor tiegħu fuq il-gżira. Għalija l-palk u d-drama huma ħajti u nieħu gost ħafna nieħu sehem f'dawn ir-rappreżentazzjonijiet għax dejjem ikunu ta' livell professjonali u lkoll flimkien naħdmu qisna familja waħda.

*Nathan Aquilina - 9.1 (Kaptan Flint)*



L-esperjenza tiegħi fil-*panto* kienet waħda mimlija daqs bajda. Ir-raġuni hija li għalkemm tieħu ħafna gost, hemm is-serjetà u l-impenn li jgħinuk tiżviluppa t-talenti tiegħek . Barra minn hekk, in-nies li tkun ilek taħdem magħhom jiġu qishom parti mill-familja tiegħek għax tarahom minn kmieni filgħodu sa ma jidlam. Permezz ta' dan għamilt ħafna ħbieb ġodda mhux tal-istess eta tiegħi biss imma l-etajiet ivarjaw. Għalhekk, din l-esperjenza ser inniżżilha mal-iktar memorji sbieħ f'ħajti.

*Katrina Ciantar - 8.1 (Beard Seller)*



Din kienet esperjenza li qatt mhu se ninsa! Għamilt ħbieb ġodda u tgħallimt ħafna minn din l-esperjenza. Nixtieq nirringrazzja lill-għalliema tal-paċenzja li ħadu bina!

*Thea Aquilina - 8.1 (Il-Kaptan)*



Hija esperjenza tal-ġenn, tiltaqa' ma' nies ġodda u titgħallem aktar kif għandek taħdem fi grupp. Esperjenza bħal din tgħinek tegħleb il-mistħija u trabbi l-kunfidenza. Biex tellajna dawk il-produzzjonijiet ta' kwalità ħdimna bil-kbir għalihom u b'wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li se nkomplu ntejbu l-produzzjonijiet tagħna.

*Gianluca Bonello - 4.2 (Pirata)*



Kienet esperjenza sabiħa ferm. Għamilt ħafna ħbieb ġodda u tgħallimt kif: inqassam il-ħin, nieħu gost u naħdem waqt ħin ta' serjeta'. Il-kast konna qisna familja waħda u ħdimna flimkien biex b'hekk tellajna produzzjoni sabiħa.

*Kayley Cuschieri - 9.1 (Ġiżella)*

Il-*panto* kienet esperjenza sabiħa ħafna li żgur qatt mhu se ninsa. L-udjenza ħadet gost bina, speċjalment b'Mamma Vicky.

*Shanaia Casha - 9.8 (Friday)*



Kienet esperjenza sabiħa li kellna ċ-ċans nuru t-talenti lin-nies. Kienet esperjenza sabiħa wkoll li kelli l-opportunita' nitgħallem iżjed fuq it-talenti tiegħi. Ħdimna bħala grupp wieħed u għamilna suċċess kbir u wara kollox ħadna ħafna gost.

*Leonora Tesi & Kylie Sciberras - 8.2 (Żeffiena)*







Din hi l-ewwel darba li jiena ħadt sehem fil-pantomima tal-iskola u lili għażluni biex inkun parti minn *backstage*. Kelli esperjenza pjaċevoli iżda li titlob ħafna impenn u xogħol, kemm qabel u anki waqt il-*performances*. Permezz ta' din l-esperjenza, jiena għamilt ħafna ħbieb ġodda wkoll. Jien kuntent li stajt ngħin u nagħti sehmi u naħseb li se nerġa ngħin drabi oħra wkoll.

*Pavel Dalli - 8.1 (Backstage)*

## FESTIN TAL-KARNIVAL



## QUDDIESA FL-OKKAŻJONI TAL-GRIŻMA TAL-ISQOF



Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Diċembru 2016, is-sala tal-iskola kienet ippakkjata bl-istudenti tat-tmien sena u b'għadd kbir ta' ġenituri tagħhom sabiex flimkien iċċelebrajna l-quddiesa b'tifkira tal-Griżma tal-Isqof.

L-istudenti kienu entużjasti għal din il-quddiesa u l-ġenituri xejn anqas minnhom. Ma setax jonqos li huma bdew ifittxu lill-ġenituri tagħhom, li b'imħabba u bi kburija sellmu lil uliedhom qabel il-bidu tal-quddiesa. L-atmosfera kienet waħda ta' ferħ ġenwin u ta' ġabra bi preparazzjoni mill-għalliema tar-Reliġjon.

Id-Direttur Spiritwali tal-iskola, Dun George Schembri, żamm lill-istudenti attenti tul il-quddiesa kollha. Huwa għamel kuraġġ lill-istudenti sabiex iħarsu lejn il-ġejjieni b'fidi sħiħa fl-Ispirtu Qaddis li rċevew fil-Griżma tal-Isqof. Dun George talab ukoll lill-ġenituri sabiex ikomplu jkunu qrib ta' wliedhom u ta' eżempju tajjeb għalihom.

Il-vuċi sabiħa u d-daqq professjonali tal-kitarra mill-istudenta tat-8 sena, Maria Spiteri għen sabiex tinħoloq atmosfera unika waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. L-istudenta Rebecca Micallef ħadet ħsieb li kull min attenda għall-quddiesa seta' jsegwi l-qari u l-kant fuq skrin kbir.

Fi tmiem il-quddiesa, l-istudenti kollha ngħataw *key chain* ta' anġlu bħala tifkira ċkejkna ta' dan il-jum daqshekk speċjali.



Nawgura minn qalbi lill-istudenti kollha u jalla jkunu għaqlin fl-għażliet li jagħmlu sabiex ikunu ċittadini Nsara ta' ispirazzjoni għall-kbar u għaż-żgħar.

*Is-Sur R. Muscat*
Assistent Kap

## CHRISTMAS CONCERT



As has been customary in the last number of years, the annual Christmas concert was held on the 7th of December in the school hall. The evening featured the crib competition and was a showcase for the talents of our young students through singing, musical playing, drama sketches and poem reading in various languages, all focused on sharing and remembering the birth of our saviour Jesus Christ. On this occasion, students from the middle school of St. Benedict's College also took part in this activity in order to establish a collaborative environment and promote unity between the newly founded school and ours.



The evening started off with a spiritual reflection. Following that, some of the students involved in the music club performed a series of Christmas carols in various ensembles. Eleonor Borg (Flute), Isabelle Caruana (Clarinet), Maria Spiteri (Clarinet), Karissa Bugeja (Alto Saxophone), Sabrina Sacco (Alto Saxophone), Liam Block (Trumpet), Maria Bellia (Trumpet), Cain Falzon (Trumpet), Nathan Bonnici (French Horn), Kylie Zerafa (Piano) and Samuel Parnis (Piano). Both pianists displayed their abilities individually in presenting popular Christmas songs, while the other members of the music club showed their worthy ability in joining forces and playing in various ensembles. This was an excellent opportunity for each musician to gain confidence in performing in public while also enhancing teamwork and responsibility towards other members of the ensemble. All participants worked together in order to ensure that the best possible results would be obtained during the performance. This collaborative approach allowed the students to develop both their leading and co-operative skills whilst avoiding the nervousness of having the spotlight directly on them individually. Rather, in sharing the toll and the understandable pre-performance anxiety, the element of collaboration and the striving for the best possible result was achieved. The last Christmas carol of the evening was performed by the ensemble and all the above mentioned students (excluding the pianists) joined forces and made sure that the performance was a pleasant one for the audience. Various other singers took the stage to display their vocal abilities with various beautiful renditions of popular Christmas carols. The students involved under the guidance of Ms Mamo were: Neisha Grima, Sarah Vella, Thea Aquilina and Kayley Cushcieri.



Needless to say, this was an evening enjoyed by all those present.

*Mr A. Huber*
Music Teacher



# KOMPETIZZJONI PRESEPJI U KARTOLINI







Hekk kif ix-xahar ta' Diċembru, ibexxaq il-bibien tiegħu, l-iskola tagħna tibda tilbes it-tiżjin tal-Milied. Bid-dawl ikkulurit, is-siġra tal-Milied u fuq kollox il-presepju l-kbir, tal-injam, jagħmlu l-ambjent tal-iskola wieħed aktar festiv. Dan il-presepju, ikun imdawwar min-numru ta' presepji żgħar u kartolini tal-Milied, frott il-ħidma tal-istudenti, li waqt li jkomplu jżejnu l-ambjent, ikunu wkoll qed jipparteċipaw f'kompetizzjoni bejniethom.

Il-kompetizzjonijiet tal-presepji u tal-kartolini tal-Milied saret appuntament annwali f'dan il-perjodu tas-sena. Il-parteċipazzjoni, bħal dejjem, tkun waħda tajba u ta' livell. L-għażla tal-materjal użat, it-tema, id-disinn u d-daqs jgħinu biex l-istudenti jkunu iktar liberi u komdi jesprimu l-arti tagħhom b'mod aktar kreattiv.

Il-presepji u l-kartolini kienu ġġudikati individwalment minn tliet għalliema. Il-kriterji li ntużaw biex waslu għal-ġudizzju tagħhom kienu dawn; il-kreattività, it-teknika, id-daqs u l-kulur. Ir-rebbieħa ġew ippremjati, mis-surmast, is-Sur Bondin waqt serata ta' talent, li ttellgħet fis-sala tal-iskola, nhar is-7 ta' Diċembru 2016.

*Is-Sur M. Borg*
Kap tad-Dipartiment tar-Reliġjon

# FESTIN TAL-MILIED



# FEBRUARY 2017 HALF YEARLY EXAMINATIONS TIME TABLE

## St Benedict College Kirkop Secondary School

| | | THUR 9TH FEB | MON 13TH FEB | TUE 14TH FEB | WED 15TH FEB | THUR 16TH FEB | FRI 17TH FEB | MON 20TH FEB | TUES 21ST FEB | WED 22ND FEB | THUR 23RD FEB | FRI 24TH FEB |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| YEAR 8 | 1st | **Maltese** | **Foreign Languages** | **English Language** | **Maths** | NO EXAM | Science | NO EXAM | NO EXAM | ORALS | NO EXAM | NO EXAM |
| | 2nd | Geography | SOCIAL STUDIES | ICT | History | NO EXAM | Religion | NO EXAM | NO EXAM | ORALS | NO EXAM | NO EXAM |
| | 3rd | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM |
| YEAR 9 | 1st | Physics | **English Language** | **Maths** | **Foreign Language** | P.E. / GC | ORALS | Biology / Accounts | **Italian Option** | **Maltese** | Chemistry | NO EXAM |
| | 2nd | ICT | History | Geography General | Religion | HE / History Option | ORALS | Geog Opt / Soc St Opt | D&T / BS / TEXTILES | Social Studies Gen | Eur Stds / CS | NO EXAM |
| | 3rd | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM |
| FORM 4 | 1st | **English Language** | GC / Chemistry | Physics | Biology / Accounts | **Maths** | Social Studies | **Foreign Lang (4th Yr)** | **Maltese** | P.E. / History Opt | ORALS | NO EXAM |
| | 2nd | English Lit/ English P2 | European Studies | History | CS / D&T / Music | ICT | Religion | Geog Opt / Soc Stds Opt | Geography General | HE | ORALS | NO EXAM |
| | 3rd | NO EXAM | NO EXAM | Business Studies | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM | NO EXAM |
| FORM 5 | 1st | **Maths** | **Malti Letteratura** | **Italian** | **Physics** | **ORALS** | **French** | **English Language** | **English Literature** | **Biology/ GC** | **Spanish** | **German** |
| | 2nd | **History** | **Malti Lingwa** | **Geography** | **Social Studies** | **ORALS** | **Chemistry BS/Accounts** | **English Paper 2** | **PHYSICAL EDUCAT** | **Social Studies Opt** | **Geography Opt** | **Music** |
| | 3rd | **History Opt** | **Computer Studies** | **Religion** | **Home Economics** | **NO EXAM** | **NO EXAM** | **D&T** | **Arabic /Russian** | **Textiles Studies** | **European Studies** | **NIL** |

**Abbreviations** – BS (Business Studies); DT (Design & Technology); GC (Graphical Comm); HE (Home Economics); PE (Physical Education); CS (Computer Studies); ES European Studies

# OFFICIAL CALENDAR*

| February 2017 | |
|---|---|
| 7 | SDP for teachers (school finishes at 12.00) |
| 8 | Career Forum: *X'hemm Lest Għalija* |
| 9 - 24 | Half Yearly Exams |
| 10 | Public Holiday |
| 21 - 22 | *Tikka Matematika* Conference |
| 23 | Carnival Party for Years 8 and 9 |
| 24 | Talk for parents of Year 9 students: *Dating and Relationship* |
| | Rehearsal of *Holocaust* Representation |
| 27-28 | Carnival Holidays |

| March 2017 | |
|---|---|
| 1 | Ash Wednesday |
| | Option Talk |
| 2 | Orientation Visit for selection of Year 9 students: Mater Dei Hospital |
| 3 | Basketball Tournament (selection of Form 4 & 5 students) |
| | Holocaust Activity (year to be decided) |
| | Holocaust Activity for public audience |
| 6 - 10 | Options Year 8 |
| 8 | Fieldwork at Għajn Tuffieħa for Year 9 Geography option student and Form 4 CCP students |
| 9 | Table Tennis Tournament (selection of Year 9 and Form 4 students) |
| 13 | Orientation Visit: Victoria Palace, Sliema (Year 9 Hospitality Students) |
| 14 | Fire Drill |
| 15 - 17 | Spiritual / Lenten Talks (Form 4) |
| | Spiritual / Lenten Talks (Form 5) |
| 20 | Talk For Form 4 students: AFM |
| 21 | Football Tournament (selection of Year 8) |
| | Science Outing (Esplora) |
| | Francofete Treasure Hunt (10 Year 9 students) |
| 22 | Educational Visit for Year 9 Geography Option Students |
| 24 | Educational Visit (National Aquarium - Year 9 Biology students) |
| | Lejla Talenti |
| 27 | MTA Orientation Visit for a selection of Year 9 students |
| 28 | Hair Screening |
| | Malta Mathematics Olympiad for Form 4 students |
| | Orientation Visit for VET IT students (21 students) |
| 29 | Network Café: Us and Them (all Year 9 students) |
| 30 | Parents' Day |
| 31 | Public Holiday |



*continued on page 12..*

** Calendar is subject to change.*

*continued..*

| April 2017 | |
|---|---|
| 3 | Ceremony : Career Exposure Experience (Form 4 students) |
| 4 | Orientation visit to MFSA (selection of Form 4 students) |
| | Talk for Year 9 students |
| 5 | Orientation Visit for 25 Year 9 students: Police Museum & Mounted Section |
| 6 | Talk for Form 4 & 5 students (Track 3 English): *American Drama and American Playwrights* |
| 7 | Feast of Our Lady of Sorrows Mass (whole school) |
| 11 | Fieldwork (Year 9 Biology students) |
| 12 - 19 | Easter Holidays |
| 20 | Play Mamma Mia (whole school) |
| 21 | Prize Day |
| 22 - 23 | Play Mamma Mia |
| 24 | Play Mamma Mia (for guest schools) |
| 25 | Play Mamma Mia (for guest schools) |

## IL-GALETTE DES ROIS - TRADIZZJONI FRANĊIŻA



Hekk kif jasal Jannar l-istudenti tal-Franċiż jibdew jistaqsuna jekk hux ser nagħmlu l-*Galette des Rois*. Din it-tradizzjoni ħelwa Franċiża hi assoċjata mal-festa tal-Epifanija u ndrat sew mill-istudenti tagħna li jattendu bi ħġarhom sena wara l-oħra. Fil-fatt ilna nagħmlu din l-attività għal dawn l-aħħar sitt snin. Għall-okkażjoni l-istudenti jduqu *galettes* jew aħjar torti tal-lewż b'għaġina ħelwa ppreparati apposta għalina minn kok Franċiż. F'kull *Galette* ikun hemm moħbi pupu żgħir tal-porċellana u wara li l-*galette* tinqasam f'porzjonijiet, l-istudenti li jsibuh jsiru re jew reġina u npoġġulhom fuq rashom kuruna tal-karti minn lewn id-deheb. Permezz ta' din it-tradizzjoni li ssir matul ix-xahar ta' Jannar, il-Franċiżi jfakkru t-tliet Slaten Maġi li marru jżuru lil Ġesù Bambin. M'għandniex xi ngħidu, l-entużjażmu fost l-istudenti ma jonqosx u kulħadd ikun ħerqan sabiex jara min se jkun ir-re jew ir-reġina. Minbarra li ningħaqdu flimkien bħala studenti tal-Franċiż, l-iskop ta' din l-attività hu li nqarrbu iżjed l-istudenti tagħna lejn il-kultura Franċiża.





*Is-Sa E. Grech Sciclunа*
Għalliema tal-Franċiż

# TREKKING U JUM L-ISPORT



Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika organizza *trekking* għall-istudenti tat-Tmien Sena fin-naħa ta' fuq ta' Malta. Attendew ammont kbir ta' studenti li lkoll indunaw li f'pajjiżna nsibu veduti mill-isbaħ. Fis-16 ta' Novembru l-istudenti tat-Tmien Sena bdew mill-Imtarfa u spiċċaw id-Dwejra fl-inħawi ta' Binġemma. L-iskop ta' dawn il-ħarġiet huwa li noffru esperjenza differenti lill-istudenti fejn l-għan prinċipali tagħhom huwa li nħajru lill-istudenti tagħna jkunu fiżikament aktar attivi. B'dawn il-ħarġiet, l-istudenti jiskopru partijiet diversi tal-gżejjer tagħna li ma tantx ikollhom ċans iżuru, filwaqt li jgawdu u jitgħallmu japprezzaw is-sbuħija naturali ta' pajjiżna.



Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika organizza wkoll Jum l-Isport għall-istudenti tal-Ħames Sena tas-sekondarja. Dakinhar sar sport varjat bħall-atletika (*track & field events*) u logħob f'tim (*futbol, handball, basketball u dodgeball*). Ir-rebbieħa ta' din is-sena kienu l-klassi 5.3. Din is-sena ġew ippremjati wkoll dawk l-istudenti li ġew l-ewwel fl-atletika (*track & field events*) fosthom il-100m, il-200m, l-400m, it-800m, il-4x50m *relay*, *heavy ball throw* u *high jump*.





Fl-attivitajiet li norganizzaw nagħmlu li nistgħu biex ninkludu studenti differenti ħalli nagħtu opportunità lil kulħadd biex jipparteċipa.

*Is-Sur J. Mifsud*
Għalliem tal-Edukazzjoni Fiżika

# MINN ŻIGUŻAJG GĦALL-JUNIOR EUROVISION



Ix-xahar ta' Jannar huwa wieħed kwiet ikkumparat mal-ewwel ftit xhur tas-sena skolastika. Wara l-festi tal-Milied ikun hemm waqfa żgħira fl-attivitajiet, anke bi preparament għall-eżamijiet li jibdew fil-bidu ta' Frar.

Fil-fatt, Novembru li għadda kien xahar impenjattiv ferm f`dak li għandu x'jaqsam ma' kultura u l-istudenti tagħna kienu involuti f'ħafna attivitajiet. Żewġ avvenimenti li spikkaw kienu l-festival kulturali għat-tfal u żagħżagħ ŻiguŻajg kif ukoll il-Junior Eurovision li ttella' fl-20 ta' Novembru 2016.

Fil-każ ta' ŻiguŻajg, din is-sena kien imiss lill-istudenti tad-Disa' Sena li jassistu għall-ispettakli mħejjija apposta għall-istudenti. L-ewwel assistejna għall-ftuħ uffiċjali tal-festival, bid-dehra ta' Sillu, iż-żiemel tal-logħob ġgantesk. Immedjatament wara kien imiss lil Kelma Kelma Nota Nota. Għall-ewwel darba tħejja kunċert immirat għaż-żgħar li laqqa' d-dinja tal-mużika tradizzjonali u kontemporanja bil-Malti mad-dinja tal-lingwa u l-letteratura Maltija. Dan il-kunċert dar madwar it-tema tal-ħrejjef u l-personaġġi li jgħammru fihom. L-istudenti għaddew siegħa żmien mal-kant ta' Daniel Cauchi, id-daqq tal-Big Band Brothers u mal-battuti ta' Ray Calleja. Kien kunċert tassew divertenti, b'kanzunetti popolari bħal Xemx, Il-Merill, Ġoġò u bosta oħrajn.



Mill-Istitut Kattoliku rħejnielha għal żewġ teatri oħrajn. Dan għaliex grupp studenti mar il-Kavallier ta' San Ġakbu u l-ieħor Palazzo De La Salle. Fil-fatt din il-ħarġa kienet ukoll opportunità biex nidħlu f`teatri differenti mxerrdin mal-Belt Valletta. Fil-każ tal-Kavallier ta' San Ġakbu, l-istudenti assistew għal biċċa xogħol teatrali bl-isem ta' "Ilbieraħ 'il Quddiem" b'direzzjoni ta' Edward Mercieca. Huma setgħu jingħaqdu ma` diversi karattri li ħadu lill-udjenza fuq vjaġġ tul is-snin permezz ta' kitbiet fi djarju. Dawn is-siltiet tefgħu dawl fuq il-ħajja Maltija permezz ta'tliet kwadri mill-1916, l-1966 u l-2016. Permezz tagħhom stajna niskopru dettalji dwar il-passat, nagħmlu konnessjonijiet mal-preżent u anke mal-futur. Kien hemm ħafna interazzjoni mal-istudenti u metodi narrattivi u teatrali kontemporanji fejn l-udjenza setgħet tagħraf id-differenzi u s-similaritajiet bejn ilbieraħ u llum.



Il-grupp ta' Palazzo De La Salle kellu l-opportunità li jara interpretazzjoni ta' xogħol ta' Shakespeare mqassar, b'battuti spirtu pront u b'mod oriġinali ħafna. Fil-fatt Shakeshorts kienet rappreżentazzjoni mimlija allegrija fejn l-istudenti ma baqgħux passivi u kienu mħeġġin jieħdu sehem u jesperjenzaw id-dinja deskritta fl-iskritt! Miktuba u rreċtata bi stil umoristiku, l-istudenti setgħu jidentifikaw mat-temi u l-karattri u jidħku xi daħka wkoll.

L-aħħar esperjenza tal-ġurnata ħaditna Pjazza Teatru Rjal mhux biex nassistu għal spettaklu imma biex nieħdu sehem f'*fire drill* b'differenza! L-iskola mdorrijin nieħdu sehem f'*fire drills* imma x'jiġri jekk jinqala' xi ħaġa ġewwa teatru u xi kumpless ta' divertiment? Fil-fatt l-istudenti ngħataw xi nformazzjoni dwar x'għandu jsir f'każijiet bħal dawn u wara ħadu sehem fil-*fire drill*. Nemmen li din il-ġurnata kienet waħda edukattiva imma wkoll ta' pjaċir għal kull min attenda. L-istudenti ġabu ruħhom b'mod eżemplari grazzi wkoll għat-tim tajjeb ħafna t`għalliema li ħadu ħsiebhom.








U kif spiċċajna l-Junior Eurovision? L-istudenti tagħna ngħataw l-opportunità li jiltaqgħu ma' wħud mill-parteċipanti żgħar li kantaw f'dan l-avveniment. L-iskola tagħna ġiet abbinata mal-Olanda bil-kanzunetta Kisses and Dances kif ukoll ma' Ċipru. Matul il-ġimgħa, l-istudenti tagħna ltaqgħu mal-kantanti, ħadu sehem fil-kartolina tad-diska u marru mawra mal-Port il- Kbir. Kienet esperjenza biex jaraw dak kollu li jiġri wara l-kwinti ta' spettaklu daqshekk kbir u internazzjonali. Ma setax jonqos li dakinnhar tal-Junior Eurovision inkunu wkoll preżenti fil-Green Room. L-istudenti ħadu gost jieħdu sehem f'din l-attività li ma kinitx tkun suċċess mingħajr l-għajnuna kbir tal-għalliema li aċċettaw li jakkumpanjaw lit-tfal anke fil-jum tal-Ħadd.







Grazzi mill-ġdid lill-istudenti u lill-għalliema kollha.

*Is-Sa M. Vella Sammut*
Kap tad-Dipartiment
tal-Franċiż

# KLABB TAL-BONSAI



Il-kelma “Bonsai” hija kelma Ġappuniża li litteralment tfisser “imħawwel f’kontenitur”. Din l-arti ġiet żviluppata mill-arti Ċiniza fejn il-pjanti kienu jiġu mkabbra f’kontenituri. Il-Ġappuniżi mbagħad, taħt l-influwenza tal-Buddiżmu, żviluppawha fl-arti li hi llum.



Il-Bonsai ilu jeżiti għal mill-inqas 1,000 sena u l-mira tiegħu hija li joħloq rappreżentazzjoni mċekkna tar-realtà. Il-siġar tal-Bonsai mhumiex siġar modifikati ġenetikament - fil-fatt kważi kull siġra tista’ ssir siġra tal-Bonsai. Hemm diversi tekniki li jistgħu jintużaw sabiex siġra normali ssir Bonsai. Dawn jinkludu ż-żbir u l-mod kif tagħmi siġra, li l-friegħi jiġu mgħawġa permezz ta’ wajers, restrizzjoni tal-użu tal-fertilizzanti (imma xorta jridu jingħataw), taħlita ta’ ħamrija partikulari u tisqija regulari addattata għas-siġra li tkun. Siġar li jkollhom il-weraq żgħar huma iktar faċli u addattati sabiex jintużaw għall- Bosnai minħabba li l-weraq ma jkunux sproporzjonati.

L-iskola daħlet għal proġett fejn permezz tal-għajnuna ta’ esperti fil-qasam tal-Bonsai u tal-fuħħar, it-tfal se jkunu qed jiffurmaw siġar indiġeni Maltin f’siġar tal-Bonsai kif ukoll se jkunu qed jagħmlu l-qsari tal-fuħħar fil-forom tradizzjonali.

Dan qed iseħħ permezz tal-Bonsai Club li qed jiltaqa’ kull nhar ta’ Ġimgħa, fejn it-tfal li jattendu qed jiġu mgħallma l-ħiliet bażiċi dwar il-kura tas-siġar, il-mod kif għandhom jinżabru, il-forom li jistgħu jingħataw lis-siġar tal-Bonsai u kif dawn il-forom jistgħu jiġu milħuqa. Għal dan il-għan, l-iskola xtrat numru ta’ siġar sabiex it-tfal ikunu jistgħu jitgħallmu fuqhom. Il-proċess jieħu ż-żmien u allura dan ħa jkun proġett li ħa jibqa’ għaddej tul is-sena kollha. Min-naħa l-oħra, waqt il-lezzjonijiet tal-arti, numru ta’ studenti ġew mgħallma kif isiru l-qsari tal-fuħħar mit-tafal. It-tfal qatgħu t-tafal, tawh il-forma tal-qsari ġewwa l-forom kif ukoll ħadu ħsieb jaħmu l-fuħħar fil-forn tal-iskola. Dawn il-qsari ġew miżbugħa wkoll. Huwa ppjanat li sal-aħħar tas-sena l-pjanti kif ukoll il-qsari jkunu lesti.



*Is-Sur V. Zammit*
Għalliem tal-Ġeografija

# IL-KLABB TAL-COMPUTER GRAPHICS



Din is-sena, fl-iskola tagħna bdiet attivita waqt il-brejk ta' nofsinhar fejn l-istudenti jistgħu jitgħallmu fuq *3D computer graphics*. Dan it-tip ta xogħol jintuża minn kumpaniji tal-films biex joħolqu cartoons u effetti speċjali. Bħala eżempji, wieħed jista jaħseb f'xi film animat bħal 'Toy Story', 'Shrek' jew inkella animazzjoni qasira magħmula kompletament minn membri tal-iskola tagħna stess li tinsab hawn: https://www.youtube.com/watch?v=0Onq5yT96To . L-istudju ta' *3D computer graphics* jintuża wkoll għal-logħob tal-kompjuter, biex jiġu ddiżinjati prodotti, u aktar riċenti minn dilettanti ta' *3D printing*.

Dawk fostkom li għal xi raġuni jew oħra ma jistgħux jattendu fil-brejk imma jinsabu interessati u jixtiequ jipprovaw jitgħallmu dwar dan is-suġġett id-dar, jistgħu jniżżlu programm jismu *Blender* minn www.blender.org li huwa bla ħlas. Nagħtikom parir li jekk għall-ewwel issibuh diffiċli, ma taqtgħux qalbkom. Dan it-tip ta' xogħol jieħu ħafna ħin u dedikazzjoni biex wieħed isir kapaċi jaħdmu. Il- *youtube* joffri ħafna *beginner tutorials* biex jgħinukom f'dan il-għan.



*Is-Sur A. Muscat*
Għalliem tal-Komunikazzjoni Grafika

# HISTORY CLUB

As teachers of History, we believe that it is very important to be aware of all that which makes us who we are. This is achieved by discovering our past and becoming more mindful of all those things that brought us to where we are today. Therefore, it is important to keep exploring the past in order to learn more about our identity. The idea behind the History Club is to enhance the teaching of History and to render the subject more relevant to our students.

During History Club we provide those students who have a special interest in History the opportunity to practice creative skills in art, crafts, photography, research and writing. The students also have the opportunity to familiarise themselves with recipes from the past and cook dishes from different periods of time.



Many of the skills acquired and honed in the history club will be useful in the creation of a newsletter containing information on different themes, such as awareness of historical sites, upcoming events and extending knowledge on how wealthy the Maltese islands are. The newsletter will also include facts, famous quotes, games, crosswords, word puzzles and much more.



We believe that the History Club activities will be an important tool for our students to acquire better knowledge and understanding of Malta's History and give it the importance that it deserves.

*Mr M. Agius and Mr M. A. Portelli*
History Teachers

## IL-ĠULEPP TAL-ĦARRUB U L-PRINCE'S TRUST



Kulħadd iħobb żaqqu imma mhux kulħadd iħobb l-istess ikel. Min iħobb l-għaġin u min iħobb is-soppa, min biċċa ħuta tajba ma jibdilha ma' xejn u min xi papra mimlija ħwawar u filfel. Ħaġa sabiħa li kulħadd hu differenti. Mur ara x'monotonija li kieku kulħadd l-istess. U fit-tagħlim l-istess. Hawn min hu tajjeb fil-kitba u l-lingwi u ara ttih xi somma. Hawn min kapaċi jżarma u jarma magna sħiħa imma mbagħad jara l-għaraq tad-demm biex jikteb sentenza qasira. Hawn min ukoll bi ftit imbarazz kapaċi joħloq l-isbaħ biċċa arti grazzi għall-kreattività li jkollu. L-istudenti tal-iskola tagħna mhumiex kollha l-istess. Hemm min għandu kapaċitajiet u jitgħallem mod u min mod ieħor. Minħabba f'hekk qed naddottaw metodi differenti għal studenti li jitgħallmu b'mod differenti. Mis-sena l-oħra ġie introdott is-suġġett *Princes's Trust* għal dawk l-istudenti li jitgħallmu billi jaħdmu b'idejhom u forsi l-akkademja jsibuha diffiċli. L-inizjattivi li ħadu dawn l-istudenti f'dan is-suġġett ħallew ħafna frott fihom fosthom li ħassewhom li kapaċi jitgħallmu. Dawn is-suċċessi żgħar ħeġġeġ lill-iskola biex tkompli tiżviluppa din l-inizjattiva ma' studenti oħra.

Il-*Princes's Trust* hu programm ta' tagħlim maħluq u mmexxi mill-Ingilterra. L-għalliema jistgħu jagħżlu l-livell li hu addattat għall-istudenti. Kull livell għandu diversi topiks li minnhom iridu jintgħażlu numru skont il-livell. Kull topik hu maqsum f'diversi oqsma qosra. Li hemm differenti hu l-mod ta' kif inhu mgħallem u 'eżaminat' peress li



eżamijiet ma hemmx. Minflok hemm numru ta' metodi kif l-istudent juri li fehem u tgħallem u kapaċi juża dak li tgħallem. Dawn il-metodi mhux bilfors jinvolvu kitba imma jista' jsir b'numru ta' metodi differenti bħal: ritratti u videos jew prodotti maħduma. Livell minnhom hu rikonoxxut u jiswa daqs SEC ('O' level) wieħed. Fl-aħħar tas-sena nies mill-Ingilterra jiġu biex jaraw u jivverifikaw ix-xogħol li jkunu għamlu l-għalliema.



Grupp ta' studenti li din is-sena qeghdin fil-ħames sena segwew dan il-livell. Wieħed mit-topiks kien li joħolqu kumpanija, jiżviluppaw prodott, jaħdmuh u jinnegozjawh. Kien jinvolvi oqsma li mit-titlu tagħhom tinduna li mhumiex ħfief. Tkellmu dwar x'tinvolvi intrapriża, ħasbu f'diversi ideat li setgħu jiżviluppaw, raw vijabilità ta' kull idea, ħadmu *business plan* u *budget*, iddeċidew il-prezz u tkellmu fuq il-kunċett ta' prezz ġust, ġabru bejniethom il-flus għal kapital tal-kumpanija, fasslu pjan meta u kif ser jinħadem il-prodott, ħadmu l-prodott u nnegozzjawh. Fl-aħħar riedu jevalwaw il-proċess kollu, x'setgħu għamlu aħjar u x'tgħallmu. Dawn l-istudenti ħasbu madwar disa' prodotti li setgħu jaħdmu. Min ħareġ bl-idea li jaħdmu pavaljun għall-każin, min oġġetti tajbin għad-dar, min xi ktieb għat-tfal, u min xi ġugarelli żgħar. Wara li ddiskutew kull idea, qablu li jaħdmu ġulepp tal-ħarrub. Fasslu l-pjanar kollu, xtraw l-ingredjenti u ġabru l-ħarrub u ħadmu l-prodott. Qassmu bejniethom irwoli differenti u saru jafu x'jinvolvi kull karriera b'mod dirett. Min kien l-i*store-keeper*, min kien il-kaxxier, min ħa ħsieb it-tindif, kemm waqt kif ukoll wara x-xogħol u għalhekk kien il-*cleaning manager*. Min kellu r-responsabbiltà li jfassal it-tikketta u libes il-kappell ta' *art-work manager*, u min kellu f'idejh il-produzzjoni u ra *production manager* x'jagħmel. Tgħallmu għax ipprattikaw karrieri differenti. L-entużjażmu li kellhom kien jissorprendi lil ħafna. Mhux biss ħadmu b'responsabbiltà imma huma kienu jiġru wara l-għalliema b'iktar inizjattivi u għamlu ħafna iżjed milli kien mistenni minnhom. Ħarġu bl-idea bħal li jintużaw fliexken riċiklati. Il-prodott inħadem u kien ta' kwalità hekk tajba li f'kemm trodd salib inħatfu u kien hemm kliem ta' tifħir minn kulħadd. Dawn it-tfal li min jaf minn kemm-il eżami weħlu ħassewhom li għal darba mhux biss għaddew imma ġabu *full marks*! Inħallikom timmaginaw l-emozzjonijiet u l-motivazzjonijiet li esperjenzjaw. Nawguraw li iżjed tfal jesperjenzaw it-tagħlim b'tant ħeġġa u motivazzjoni.





*Is-Sur M. Cassar*
Guidance

# PRODUZZJONI MINN BENEDITTU PRODUCTIONS




*Stampar:* ***CopyServ Ltd.***
*Triq il-Mimosa, Ħamrun*
☎ *77 940 904*
✉ *lulu18@melita.com*

**Bord Editorjali:** Assistenta Kap: *C. Camilleri*
Disinn: *A. Galea*
Issettjar: *J. Azzopardi*
Fotografu: *D. Bezzina*
Qari tal-Provi: *R. Caruana, L. Deguara, D. Dimech, W. Incorvaja, R. Mangion, J. Spiteri, C. Tanti.*
Tajpisti: *G. Agius Zammit, M. Busuttil, S.E. Cachia, E. Grech Sciclunа, D. Muscat, M.L. Schembri.*